MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 135/2006

Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriza .

vs

MaltaTel Limited .

Il-Qorti ,

Rat ir-Rikors ġuramentat tal-Korporazzoni Maltija għall-Intrapriża, fejn wara li ppremettiet illi :

1. Fit-3 ta' Ottubru, 2005 il-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża ħarġet a favur tas-soċjeta' MaltaTel Limited letter of intent li kienet tikkonferma l-approvazzjoni ta' ħruġ ta' garanzija ta' self minn bank kummerċjali sa ammont massimu ta' LM150,000 għal xiri ta' makkinarju mill-istess soċjeta' MaltaTel Limited għall-proġett li kellha twettaq f'Għawdex ,

2. Il-ħruġ mill-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża a favur is-soċjeta' MaltaTel Limited ta' din il-garanzija ta' self minn bank kummerċjali għal xiri ta' makkinarju kwalifikanti kien suġġett għal diversi kundizzjonijiet perentorji (dok . "GB 1") fosthom li l-kumpannija MaltaTel Limited kellha tilħaq livell minimu ta' impiegi ta' 42 ħaddiem part-time sa l-aħħar tat-tielet sena mill-ħruġ tal-garanzija ta' self mill-korporazzjoni rikorrenti .

3. Skond il-business plan datat 27 ta' Gunju, 2005 ippreżentat mis-soċjeta' MaltaTel Limited lill-korporazzjoni rikorrenti, din il-kumpanija kellha tistabilixxi "a wireless HiFi network to provide Telephony and groad band internet services" (Dok. "GB 2) .

4. Permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Paul Pullicino datat 17 ta' Frar 2006 (Dok. "GB 3") is-soċjeta' MaltaTel Limited ikkostitwit a favur tal-korporazzjoni rikorrenti ipoteka ġenerali bħala garanzija tal-ħlas lura lill-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża ta' kull somma li tista' tiġi mħallsa mill-istess Korporazzjoni lill-APS Bank Limited ai termini tal-garanzija maħruġa fit-28 ta' Frar, 2006 .

5. Fit-28 ta' Frar, 2006 il-korporazjzoni rikorrenti ħarġet a favur ta' APS Bank Limited garanzija għas-somma ta' Lm 54,826.14c) flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi (Dok. "GB 5"), liema somma ġiet mislufa mill-istess APS Bank Limited lis-soċjeta' MaltaTel Limited għax-xiri ta' network equipment ai termini ta' klawsola 1 (i) tal-letter of intent iddatata 3 ta' Ottubru 2005 .

6. Peress li s-soċjeta' MaltaTel Limited interrompiet l-attivitajiet tagħha u ma komplietx topera fis-26 ta' Ottubru, 2006 l-APS Bank għamel "call-in" tal-faċilitajiet bankarji li kellha s-soċjeta' MaltTel Limited, u talab ukoll formalment il-ħlas mingħand il-korporazzjoni rikorrenti ai termini ta' l-ittra ta' garanzija datata 28 ta' Frar, 2006 (Doi.; "GB 4) .

7. Fl-4 ta' Novembru, 2006, il-korporazzjoni rikorrenti ħallset lill-APS Bank Limited is-somma ta' Lm

55,831.64c (Dok. "GB 6"), liema somma tirrappreżenta s-self li l-istess bank ta lis-soċjeta' MaltaTel Limited u li kien iggarantit bil-garanzija maħruġa mill-korporazzjoni rikorrenti bl-ittra ta' garanzija datata 28 ta' Frar, 2006 .

Talbet lis-soċjeta' ntimata tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lill-MaltaTel Limited responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, tmien mija u wieħed u tletin lira Maltin u 64 ċenteżmu (Lm 55,831.64c) lill-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża li ħallset dan l-istess ammont lill-APS Bank Limited bħala garanzija tas-self, u dana ait termini ta' klawsola 4 tal-kuntratt pubbliku datat 17 ta' Frar, 2006 fl-Atti tan-Nutar Paul Pullicino (Dok. "GB 5) .

2. Tordna lis-soċjeta' MaltaTel Limited tħallas l-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf, tmien mija u wieħed u tletin lira Maltin u 64 ċenteżmu (Lm 55,831.64c) lill-Korporazzjoni rikorrenti .

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata, u bl-imgħax skond il-Liġi.

Rat ir-riferta pożittiva tas-soċjeta' ntimata li ġiet debitament notifikata b'dawn l-atti permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern u f'ġurnal lokali .

Rat id-dokumenti esebiti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Rat il-verbal tagħha tas-16 ta' Mejju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-Korporazzjoni rikorrenti qed titlob mingħand is-soċjeta' ntimata r-rifużjoni tas-somma ta' Lm55,831.64 minnha mħallsa bħala garanti ta' l-istess soċjeta' ntimata lill-APS Bank Limited, wara li din is-

soċjeta' nterrompiet l-attivitajiet tagħha u l-Bank għamel *call-in* tal-faċilitajiet bankarji li kien ta lill-istess soċjeta' .

Jirriżulta mill-atti tal-kawża illi s-soċjeta' ntimata kienet twaqqfet bl-intenzjoni li tistabilixxi "*a wireless HiFi network to provide Telephony and broad band internet services" .*[1] Għal dan il-għan kellha bżonn tikseb faċilitajiet bankarji, u l-korporazzjoni rikorrenti kienet lesta li tidħol garanti sa limitu ta' Lm150,000 għal dawn il-faċilitajiet[2] . Permezz ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Paul Pullicino tas-17 ta' Frar 2006,[3] is-soċjeta' ntimata kkostitwiet ipoteka ġenerali a favur tal-korporazzjoni rikorrenti għall-ħlas lura ta' kull somma li tista' tiġi mħallsa mill-istess korporazzjoni ai termini tal-garanzija li kienet inħarġet fit-28 ta' Frar 2006 . A tenur ta' din il-garanzija l-Korporazzjoni ggarantiet self ta' Lm54,826.14 li l-APS Bank għamel lis-soċjeta' ntimata għax-xiri ta' *network equipment* ai termini ta' klawsola 1(i) tal-*letter of intent* iddatata it-3 ta' Ottubru 2005 .

Billi mbagħad is-soċjeta' ntimata interrompiet l-attivitajiet tagħha fis-26 ta' Ottubru 2006, il-Bank għamel call-in tal-flus li kien sellifha u talab ukoll formalment lill-Korporazzjoni sabiex tonera l-obbligazzjonjiet tagħha skond il-garanzija li kienet tat.[4] Dan il-korporazzjoni wettqitu billi l-Bank ġie awtorizzat jiddebita l-kont tagħha miegħu fl-ammont ta' Lm55,831.64, proprju l-ammont reklamat f'dan ir-Rikors[5] .

Permezz tal-proċedura preżenti l-Korporazzjoni qed titlob għalhekk illi s-soċjeta' intimata, wara li tiġi dikjarata debitriċi lejha fis-somma ndikata, tiġi ordnata tħallasha l-istess somma minnha maħruġa kif fuq spjegat .

Mid-depożizzjoni ta' Michael Pullicino, jirriżulta illi ebda parti minn dan l-ammont ma ġie mħallas mis-soċjeta' ntimata minn meta ġiet intavolata din il-kawża,[6] u għalhekk m'għandu jkun hemm ebda raġuni għaliex it-

---

[1] Dok. GB 2 a fol. 8 - 28 tal-process .
[2] Dok. GB 1a fol. 5 - 7 .
[3] Dok. GB 3 a fol. 29 - 36 .
[4] Dok. GB 4 a fol. 37 .
[5] Dok. GB 6 a fol. 42 .
[6] ara xhieda relattiva a fol.58 – 59 .

talbiet tal-Korporazzjoni rikorrenti ma jiġux dikjarati ġustifikati .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi :

1. tiddikjara lis-soċjeta ntimata MaltaTel Limited responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, tmien mija wieħed u tletin lira maltija u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm55,831.64) lill-Korporazzjoni rikorrenti, li ħallset dan l-istess ammont lill-APS Bank Limited bħala garanzija tas-self mogħti lis-soċjeta ntimata, u dana ai termini tal-klawsola 4 tal-kuntratt pubbliku datat is-17 ta' Frar 2006 fl-atti tan-nutar Paul Pullicino; u konsegwentement

2. tordna lis-soċjeta' ntimata tħallas dan l-ammont lill-Korporazzjoi rikorrenti .

Bl-spejjeż, u bl-imgħaxijiet relattivi mid-data ta' dan il-ħlas mill-Korporazzjoni lill-Aps Bank Limited sad-data tal-pagament effettiv mis-soċjeta' ntimata, kontra l-istess soċjeta' ntimata .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------